# Beati u Qaddisin...Gunju

SANTA VINCENZA GEROSA (1784 – 1847)

28 TA' GUNJU



Katerina Gerosa twieldet gewwa Lovere fil-provincja ta' Bergamo f'Ottubru 29, tas-sena 1784. Ghaddiet it-tfulija taghha fil-hanut ta' missierha billi sahhitha kienet dghajfa. Kellha thabbat wiccha ma' problemi familjari u anke diffikultajiet ekonomici, izda wara li ghaddiet mit-tempesti materjali hija offriet li tati sehemha fil-parrocca taht it-tmexxija tal-kappillan Don Rusticano Barboglio u l-assistent tieghu Don Angelo Bosio. Hija kienet tiehu pariri fuq il-hajja spiritwali minghand Bartolomea Capitano, mara qaddisa hafna. Maghha Katerina tat l-ghajnuna taghha lill-morda fi sptar li

Bartolomea waqqfet bi flusha.  Aktar tard hija qasmet maghha l-hajja religjuza fil- 21 ta' Novembru tas-sena 1822.

Wara l-mewt ta' Bartolomea fis-26 ta' Lulju 1833 Katerina hasbet biex biex tabbanduna dak ix-xoghol ta' karita' izda imbaghad gharfet li kienet ir-rieda ta' Alla li tkompli fejn halliet Bartolomea. Meta pprofessat religjosament hadet l-isem ta' Swor Vincenza f'gieh San Vincenz de Paola.

Fis-snin ta' wara kompliet il-hidma taghha biex tizvillupa l-istitut li ha l-isem ta' Sorijiet tal-Karita li aktar tard ghaqqdet l-isem ta' Marija Bambina. Mietet gewwa Lovere fl-20 ta' Gunju tas-sena 1847.

Il-Papa Piju XII ikkanonizzhom flimkien fit-18 ta' Mejju tas-sena 1950. Is-sorijiet ta' Marija Bambina fid-djocesijiet ta' Milan, Bergamo u Brescia jaghmlu t-tifkira taghhom fit-18 ta' Merjju, izda il-kalendarju Ruman tal-Qaddisin ifakkarhom fis-26 ta' Gunju u 28 ta' Gunju rispettivament.